22003D0029



**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 29/2003**

**ta' l-14 ta' Marzu 2003**

**li temenda l-Anness I (Oqmsa veterinarji jew fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif mibdul mill-Protokoll li Jbidel l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Billi l-Annex I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2002 tas-6 Diċembru 2002 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/300/KE tat-18 ta' April 2002 li tistabbilixxi l-lista ta' żoni approvati rigward il-Bonamia ostreae u/jew ir-refringens Marteilia ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/304/KE tad-19 ta' April 2002 li tapprova il-programmi bl-għan li jiksbu l-istatus ta' żoni approvati u ta' rziezet approvati fiż-żoni mhux approvati fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-mard tal-ħut eptikaemja emorraħaġeiku virali (VHS) u n-nekrozi ħematopojetik infettiv (IHN) ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/308/KE tat-22 ta' April 2002 li tistabbilixxi l-listi ta'żoni approvati u ta' rziezet approvati fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-mard tal-ħut eptikaemja emorraħaġeiku virali (VHS) u n-nekrozi ħematopojetik infettiv (IHN) ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/536/KE tat-28 ta' Ġunju 2002 li temenda id-Deċiżjoni 2002/308/KE li tistabbilixxi l-listi ta'żoni approvati u ta' rziezet approvati fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-mard tal-ħut eptikaemja emorraħaġeiku virali (VHS) u n-nekrozi ħematopojetik infettiv (IHN) ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni 2002/300/KE tħassar id-Deċiżjonijiet 92/528/KEE ([6]), 93/56/KEE ([7]), 93/57/KEE ([8]), 93/58/KEE ([9]) u 93/59/KEE ([10]), li huma inkorporati fil-Ftehim u li għalhekk għandhom jiġu mħasra mill-Ftehim.

([1]) ĠU L 38, tat-13.2.2003, p. 3.
([2]) ĠU L 103, tad-19.4.2002, p. 24.
([3]) ĠU L 104, ta' l-20.4.2002, p. 37.
([4]) ĠU L 106, tat-23.4.2002, p. 28.
([5]) ĠU L 173, tat-3.7.2002, p. 17.
([6]) ĠU L 332, tat-18.11.1992, p. 25.
([7]) ĠU L 14, tat-22.1.1993, p. 25.
([8]) ĠU L 14, tat-22.1.1993, p. 26.
([9]) ĠU L 14, tat-22.1.1993, p. 27.
([10]) ĠU L 14, tat-22.1.1993, p. 28.

(7) Id-Deċiżjoni 2002/304/KE tħassar id-Deċiżjonijiet 94/863/KE ([11]), 95/479/KE ([12]), 96/221/KE ([13]), 2000/312/KE ([14]) u 2001/576/KE ([15]), li huma inkorporati fil-Ftehim u li għalhekk għandhom jiġu mħasra mill-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni 2002/308/KE tħassar id-Deċiżjonijiet 93/39/KEE ([16]), 93/40/KEE ([17]), 93/73/KEE ([18]), 93/74/KEE ([19]), 94/862/KE ([20]), 95/124/KE ([21]), 95/125/KE ([22]), 95/470/KE ([23]), 95/473/KE ([24]), 96/233/KE ([25]), 98/357/KE ([26]), 98/361/KE ([27]), 98/395/KE ([28]), 1999/496/KE ([29]), 2000/171/KE ([30]), 2000/174/KE ([31]) u 2000/188/KE ([32]), li huma inkorporati fil-Ftehim u li għalhekk għandhom jiġu mħasra mill-Ftehim.

(9) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Parti 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2002/300/KE, 2002/304/KE, 2002/308/KE u 2002/536KE fl-ilsien Islandiż u Norveġiż, li għandhom jiġu ippublikati fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ingħataw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([11]) ĠU L 352, tal-31.12.1994, p. 73.
([12]) ĠU L 275, tat-18.11.1995, p. 23.
([13]) ĠU L 74, tat-22.3.1996, p. 42.
([14]) ĠU L 104, tad-29.4.2000, p. 80.
([15]) ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 23.
([16]) ĠU L 16, tal-25.1.1993, p. 46.
([17]) ĠU L 16, tal-25.1.1993, p. 47.
([18]) ĠU L 27, ta' l-4.2.1993, p. 34.
([19]) ĠU L 27, ta' l-4.2.1993, p. 35.
([20]) ĠU L 352, tal-31.12.1994, p. 72.
([21]) ĠU L 84, ta' l-14.4.1995, p. 6.
([22]) ĠU L 84, ta' l-14.4.1995, p. 8.
([23]) ĠU L 269, tal-11.11.1995, p. 28.
([24]) ĠU L 269, tal-11.11.1995, p. 31.
([25]) ĠU L 77, tas-27.3.1996, p. 33.
([26]) ĠU L 162, tal-5.6.1998, p. 42.
([27]) ĠU L 163, tas-6.6.1998, p. 46.
([28]) ĠU L 176, ta' l-20.6.1998, p. 30.
([29]) ĠU L 192, ta' l-24.7.1999, p. 57.
([30]) ĠU L 55, tad-29.2.2000, p. 70.
([31]) ĠU L 55, tad-29.2.2000, p. 77.
([32]) ĠU L 59, ta' l-4.3.2000, p. 17.
(*) Ma kienx hemm bonnijiet konstituzjonali indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ippublikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Marzu 2003.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND

**L-ANNESS GĦAD-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 29/2003**

Parti 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat hawn taħt:

1. Il-punti li ġejjen għandhom jiġu miżjuda wara il-punt 64 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE):

"65. **32002 D 0300**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/300/EC tat-18 ta' April 2002 li tistabbilixxi l-lista ta' żoni approvati rigward il-Bonamia ostreae u/jew ir-refringens Marteilia (ĠU L 103, tad-19.4.2002, p. 24).

Dan l-att japplika wkoll għall-Islanda.

66. **32002 D 0308**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/308/KE tat-22 ta' April 2002 li tistabbilixxi l-listi ta'żoni approvati u ta' rziezet approvati fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-mard tal-ħut eptikaemja emorraħaġeiku virali (VHS) u n-nekrozi ħematopojetik infettiv (IHN) (ĠU L 106, tat-23.4.2002, p. 28), kif emendata bid:

– **32002 D 0536**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/536/KE tat-28 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 173, 3.7.2002, p. 17).

Dan l-att japplika wkoll għall-Islanda."

2. It-test tal-punti 7 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/188/KE), 10, (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/39/KEE), 11 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/40/KEE), 16 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/73/KEE), 17 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/74/KEE), 29 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/124/KE), 30 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/125/KE), 38 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/470/KE), 39 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/473/KE), 44 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/233/KE), 48 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/357/KE), 49 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/361/KE), 50 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/395/KE), 52 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/496/KE) u 53 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/171/KE) għandu jiġu mħassar.

3. Taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA EFTA GĦANDHOM JITQIESU B'MOD DOVUT", il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara il-punt 51 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/905/KE):

"52. **32002 D 0304**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/304/KE tad-19 ta' April 2002 li tapprova il-programmi bl-għan li jiksbu l-istatus ta' żoni approvati u ta' rziezet approvati fiż-żoni mhux approvati fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-mard tal-ħut eptikaemja emorraħaġeiku virali (VHS) u n-nekrozi ħematopojetik infettiv (IHN) (ĠU L 104, ta' l-20.4.2002, p. 37).

Dan l-att japplika wkoll għall-Islanda."

4. Taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA EFTA GĦANDHOM JITQIESU B'MOD DOVUT" ,it-test ta' punti 16 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/528/KEE), 17 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/56/KEE), 18 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/57/KEE), 19 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/58/KEE), 20 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/59/KEE), 22 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/862/KE), 23 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/863/KE), 38 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/479/KE), 39 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/221/KE), 47 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/174/KE), 49 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/312/KE) u 50 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/576/KE) għandu jiġi mħassar.